# QORTI TA' L-APPELL CIVILI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMLLERI, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Cit. Nru. 667/92 FGC**

**Numru 19**

**Anthony Cassar f'ismu proprju ghal kull interess li jista' jkollu u ghan-nom ta' Moby Dick Co. Ltd.**

**vs**

**Accountant General**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur, f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Moby Dick Co. Ltd. Ipproceda kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"Li, fis-6 ta Jannar, 1992, il-konvenut, a tenur tal-Art. 10 (1) tal-Att Nru. XXII tal-1990, ghamel stima ta taxxa "ex officio" li, skond il-gudizzju tieghu, kellha tingabar u tithallas minnu ghax-xhur ta

bejn Lulju u Novembru, 1990, naxxenti minn bejgh ta ogggetti tal-ikel mir-restaurant “Moby Dick”, Xlendi, Ghawdex;

li l-istima tal-konvenut, ghall-perjodu imsemmi, lahqet is-somma ta tlett elef erba’ mija u erbgha u sebghin lira Maltija (LM3,474), kif jirrisulta mid-Dok. A anness;

li huwa appella minn din id-decizjoni a tenur tal-Art. 11 tal-ligi imsemmija, u dan quddiem il-Bord tal-Appelli kkreat appositament mil-ligi in kwistjoni, kif jirrizulta mid-Dok. B anness, konsistenti fir-rikors ta appell u r-ragunijiet migjuba;

li, bid-decizjoni tieghu tat-3 ta Gunju, 1992, (Dok. C), dak il-Bord iddecieda billi cahad l-appell u kkonferma l-istima tal-konvenut;

li dik id-decizjoni hi bazata fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi stante illi ai termini tal-Att tal-1990 fuq imsemmi, t-taxxa fuq l-infiq, jew tal-“levy”, ghandha tithallas ghall-bejgh jew servizzi skedati, u skond l-Avviz Legali 99 tal-1990, is-servizzi jew bejgh skedati u taxxabbli huma f’dan il-kaz definiti bhala “mittiekla fuq mejda fir-restaurants kollha li ghandhom licenza mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu l-Ikel…….”;

li, f’dan il-kaz, l-istabbiliment tieghu ma kienx fornut mill-imsemmi permess ghall-perjodu in kwistjoni, u ghalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda jedd jinvoka id-drittijiet tieghu a tenur tal-Att XXII tal-1990, stante illi f’dan il-kaz is-servizz jew bejgh ma kienx jaqa’ taht id-definizzjoni ta servizz jew bejgh skedat, kif timponi l-ligi, u f’liema kaz biss tista’ tigi applikata dik il-ligi;

li l-Kap. 197 dwar il-Lukandi u Stabbilimenti li jipprovdu l-Ikel hu fih innifsu munit bir-rimedji necessarji ghal dawk l-istabbilimenti li ma jkollhomx il-klassifikazzjoni necessarja, izda l-Att tal-1990 ma jistax jigi invokat f’kazijiet bhal dawk, ghaliex il-ligi ma taghtix jeddijiet lill-konvenut hlief fil-kazijiet skedati;

li bhala fatt, f’Novembru, 1990, l-attur inghata klassifikazzjoni ta “Snack Bar II”, kif jirrisulta mill-anness Dok. D; liema klassifikazzjoni trendi lill-istabbiliment u kwindi lilu nomine, mhux obbligat li jhallas it-taxxa a tenur tal-Att XXII tal-1990, stante illi s-servizzi moghtija huma espressament ezenti mill-hlas a tenur tal-Avviz Legali 99 tal-1990; liema klassifikazzjoni saret wara li ufficcjali tal-Bord relattiv ghamlu ispezzjoni fil-fond;

**TALAB** li l-konvenut ighid il-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Numru 1/92/R hi affetta minn interpretazzjoni hazina tal-ligi, u senjatament tal-Att XXII tal-1990, u tal-Avviz Legali 99 tal-1990;

2. Konsegwentement, thassar u tannulla id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija;

3. Konsegwentement, thassar u tannulla l-istima tal-konvenut datata 6 ta Jannar, 1992, moghtija fil-konfront tieghu nomine".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut proprio et nomine hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. li, preliminarjament, m'hemmx bazi legali ta Appell mill-Bord ta l-Appelli ghall-fini ta l-Att XXII ta l-1990 lill-Qorti stante li ma hemm xejn provdut fl-istess ligi dwar appelli minn decizjonijiet tal-Bord;

2. li, preliminarjament, minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku kien hemm appell, appell ghandu dejjem isir lill-Qorti ta l-Appell, sakemm mhux provdut ad hoc fil-Ligi specifika fejn ghandu jsir l-Appell u ghaldaqstant il-proceduri odjerni huma nulli;

3. li, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-licenzja imsemmija ta Snack Bar tas-sekonda klassi kienet tibda mit-12 ta Novembru, 1990 u wara l-perjodu li ghalih sar l-ex officio assessment;

4. li, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, skond l-art. 9(1) ta l-Att XXII ta l-1990 u l-Avviz Legali 101 ta l-1990 jirrizulta li l-istess stabbiliment kien jaqa' taht l-Iskeda;

5. li d-decizjoni tal-Bord ta l-Appelli ma tistax tigi dikjarata affetta minn interpretazzjoni hazina tal-ligi rigward l-Att XXII ta l-1990 u l-Avviz Legali 99 tal-1990 stante li l-interpretazzjoni tal-Bord kienet tirrigwarda l-Kapitolu 197 kif jammetti l-istess attur

fid-dikjarazzjoni tieghu u ghalhekk l-ewwel talba mhix ammessibbli;

6. li jsegwi wkoll illi t-tieni u t-tielet talba konsegwenzjali mhux ammessibbli lanqas".

**Verbali**

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 1994, il-kontendenti qablu li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-eccezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni flimkien mal-mertu u dana sabiex kull parti tkun tista' tressaq il-provi taghha li jincidu wkoll fuq dik l-eccezzjoni.

Rat il-verbali ta' l-ewwel Qorti li bih awtorizzat lill-kontendenti biex jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet fuq il-punti legali nvoluti, kif, fil-fatt, ghamlu.

Rat in-nota tas-16 ta' Frar, 1998, li biha l-konvenut irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu.

**Decide**

B'sentenza tad-29 ta' Mejju, 1998, il-Qorti Civili Prim'Awla ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

“Wara lli l-konvenut irtira l-ewwel zewg eccezzjonijet preliminari, din il-Qorti ghandha tibda billi tinvesti l-pregudizzjali tan-nuqqas ta gurisdizzjoni eccepita ulterjorment fit-termini ta l-**Art. 742 (2) u (3)** tal-Kap. 12.

Jinghad li dwar din l-eccezzjoni d-difensuri tal-partijiet skambjaw noti ta l-osservazzjonijiet verament dotti u li jikkontjenu citazzjonijiet kopjuzi mill-awtur Ngliz Wade li huwa awtorita' indiskussa f'materja bhal din in ezami ta "judicial review" jew tas-sindakabilita' tad-decizjonijiet ta bordijiet statutorji amministrattiv bhalma huwa ndubbjament il-Bord ta Appelli in kwistjoni.

Din il-Qorti jidhrilha, pero', li m'hemmx ghalfejn li wiehed jistrieh fuq dan l-awtur biex jiddetermina din il-kwistjoni ta natura gurisdizzjonali.

Huwa car li l-attur, fil-premessi tac-citazzzjoni, qieghed jippretendi li l-Bord tal-Appelli bbaza d-decizjooni tieghu, moghtija fit-3 ta Gunju, 1992 (kopja esitita bhala Dok. C a fol. 11), fuq interpretazzjoni erroneja tal-ligi u senjatament tal-Att. XX11 tal-1990 u tal-Avviz Legali 99 tal-1990.

Ghandu jinghad li llum huwa stabbilit, mill-gurisprudenza taghna, li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta kwalsijasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-principji tal-gustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex tassigura li ma jkunx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta l-ipotesi tal-ligi u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord u dan billi, la darba l-ligi afdat il-funzjoni kwazi - gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi **(ara App. Civ. "Avukat Dr Anthony P. Farrugia vs Kummissjoni Elettorali et", dec. 18.10.96 u "John Holland noe et noe vs Julian Schembri", dec. 20.05.91 u "Michael Mallia noe vs Carmel Debono et", dec. 13.02.97 u P.A. "Joseph Farrugia vs Emanuel Cilia Debono", dec. 10.06.87; P.A. "Montalto vs Chircop", dec 18.04.87; P.A. "Norman Rossignaud noe vs Gontran Borg noe", dec. 19.04.90; P.A. "Anthony Borg Cardona vs Joseph Busuttil et noe", dec. 5.05.95; "Montalto vs Clews", dec. 26.05.87; "Borg D'Anastasi vs Decesare", dec. 3.04.1989 u "Privitera vs Bonello" dec. 23.06.89).**

Ghalhekk l-eccepita karenza ta gurisdizzjoni qeghda tigi respinta bhala inattendibbli.

Ikkunsidrat :

Li, skond l-**Artikolu 11(1)** tal-Att XX11 ta l-1990, dan il-Bord twaqqaf ghall-fini li jisma' u jaqta' appelli minn decizjonijiet ta l-Accountant General dwar l-applikabbilita' tad-disposzzjonijiet ta l-istess Att jew kull regolamenti li jsiru bis-sahha tieghu, ghal xi oggetti jew servizzi provvisti minn bejgh, jew sa fejn ikunu hekk applikabbli; u minn kull stima li ssir mill-Accountant General skond **l-Artikolu 10** ta l-istess Att.

Huwa intuittiv li biex il-Bord ta l-Appelli jaqta' l-appelli minn decizjonijiet tal-Accountant General jkun jehtieglu li jaghti l-fehma tieghu dwar  l-applikabbilita' tad-disposizzjonijiet ta l-Att imsemmi u, ghalhekk, l-istess Bord jista' jaghti interpretazzjoni hazina ta xi wahda minn dawn id-disposizzjonijiet u, possibbilment, anki ta ligijiet ohra.

Minn ezami akkurat tad-decizjoni tal-Bord ta l-Appell ghandu jirrizulta li l-istess Bord ma jistax jinghad li ta interpretazzjoni erroneja ta xi wahda minn dawn id-disposizzjonijiet jew ta xi ligi ohra.  Infatti, fid-decizjoni tal-Bord, issir referenza ghal xi disposizzjonijiet tal-Kap. 197 u l-interpretazzjoni moghtija lil dawn id-disposizzjonijiet bl-ebda mod ma tista' tigi kwalifikata bhala hazina.  Per ezempju, jinghad li f'dan l-Att **imkien m'hemm imsemmi li meta tohrog licenza din ghandha titqies li tkopri sena shiha kalendarja.** Tkompli tghid id-decizjoni tal-Bord "Anzi dan l-Att ighid li **licenzja tiskadi fil-31 ta Dicembru, li jahbat minnufih wara d-data tal-hrug taghha, izda wara dik in-nhar tista' tigi mgedda minn sena ghal sena, u ghalhekk huwa biss it-tigdid li jkopri sena shiha** (sakemm il-licenzja ma tigix revokata jew mibdula).  Inoltre, dan l-Att jipprovdi li **kull klassifikazzjjoni tibda ssehh "kemm jista' jkun malajr"**; liema provvediment jeskludi l-intepretazzjoni mressqa mill-appellant. Jizdied ukoll li l-licenzja msemmija fl-ittra esibita hija licenzja temporanja u, skond l-imsemmi Att, **licenzja temporanja hija valida biss ghal perijodu ta m'hux izjed minn disghin gurnata, rinnovabbli ghal perijodu ta disghin gurnata ohra…."**

Issa, jekk wiehed jirriferi ghall-Kap. 197 wiehed ghandu jsib li l-Bord ta l-Appelli m'ghamel xejn hlief interpreta korrettament l-**Artikolu 4(2)** u **(3)**, kif ukoll l-**Artikolu 9(4)** ta l-istess Att Dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel (Kap. 197).

Kwindi, l-Qorti ma tirravvizax l-ebda interpretazzjoni erroneja la fl-enuncjazzjoni tal-ligijiet li huma ta kompetenza tal-Bord ta l-Appelli u lanqas f'dik ta ligijiet ohra u ta dritt in generali.

Ikkunsidrat :

Li l-gurisdizzjoni ta din il-Qorti li tissindaka l-operat tal-Bord ta l-Appell hija, skond il-gurisprudenza gja citata, wahda ristretta hafna. Dana jfisser li ma tistax tidhol biex tissindaka kwistjonijiet ta apprezzament ta provi. Dan huwa kif ghandu jkun ghaliex altrimenti l-Qorti tkun qeghda tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord - haga li m'hix konsentita ghaliex ma jistax jigi permess li jkun hemm inkursjonijiet fid-diskrezzjoni tal-Bord li jinsab fdat b'funzjoni kwazi-gudizzjarja u, ghalhekk, ghandu jiddecidi hu biss fuq l-applikazzjoni o meno tad-disposizzjonijiet tal-Att XX11 tal-1990 jew kull regolament iehor li jsir bis-sahha tieghu, jew safejn dawn ikunu hekk applikabbli. Ghalhekk, l-intromissjoni, jew ahjar l-intervent, ta dil-Qorti biex tindaga jekk il-Bord kellux jasal ghall-konkluzjoni li li "Snack Bar" kien kopert b'licenzja in bazi ghall-provi li tressqu quddiemu m'hix ammessa ghaliex huwa l-istess Bord li ghandu jaghmel l-apprezzament ta dawk il-provi biex ikun jista' jiddeciedi, kif effettivament huwa fid-dmir li jiddeciedi. Hekk ukoll il-kwistjoni jekk li "Snack Bar" ghandux jew le l-klassifikazzjoni li jippretendi l-attur u dik jekk dan li "Snack Bar" u l-ambjenti ta fuq tar-Restaurant "Moby Dick" ghandhomx jitqiesu bhala Restaurant wiehed tat-Tieni Klassi, kif l-istess Bord iddecieda li ghandhom jitqiesu, huma kollha kwistjonijiet ta apprezzament ta fatt li din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fihom billi, kif rajna, indagni bhal din tezorbita mill-gurisdizzjoni taghha kif cirkoskritta bl-insenjamenti gurisprudenzjali.

Kwindi, b'koerenza shiha ma dan li ghadu kif gie accennat, il-Qorti m'hix qeghda taghmel l-ebda apprezzament tal-provi prodotti miz-zewg nahat u li huma naturalment intizi biex idghajjfu jew isahhu il-kaz ta parti jew ta l-ohra.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti tinnota qabel xejn illi l-konvenut ma appellax, la principalment u lanqas incidentalment, minn dik il-parti tas-sentenza

appellata li cahdet l-eccezzjoni tieghu ta' karenza ta' gurisdizzjoni nkwantu l-ewwel Qorti rriteniet li din kienet inattendibbli. Il-Qorti kellha allura necessarjament tifhem li dik il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat, u konsegwentement, ma kellhiex ghalfejn tinvesti dak l-aspett tal-vertenza. Din il-Qorti kien jehtigilha tikkonsidra biss l-aggravju ta' l-attur proprio et nomine fil-mertu.

Dan l-aggravju hu propost f'dan l-iskema argumentattiva.

a) Is-sentenza appellata kienet fis-sens li ma setghax jinghad li s-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli kienet tat interpretazzjoni erroneja tal-ligi;

b) Pero' l-punt kollu tal-kawza ma kienx punt gia deciz mill-Bord ta' l-Appelli, izda kien punt iktar fondamentali minn hekk li ma giex trattat fil-kors ta' trattazzjoni tal-Bord ta' l-Appelli. Dan kien jekk setghetx jew le tigi applikata l-ligi amministrata mill-istess Bord ta' l-Appelli ghall-kaz partikolari ta' l-attur;

c) Is-sottomissjoni ta' l-appellant kienet fis-sens li l-Account General u l-Bord ta' l-Appelli marru oltre l-poteri taghhom meta mponew fuq l-attur stima ex officcio, li dwarha saret il-prezenti istanza, meta interpretaw il-ligi hazin u ghamluha applikabbli ghall-attur.

L-appellant qed jissottometti li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli hi bazata fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi stante li, ai termini ta' l-Att Nru. XXII ta' l-1990 it-taxxa fuq l-infieq, (jew tal-Levy), ghandha tithallas ghall-bejgh jew servizzi skedati li, skond l-Avviz Legali 99 ta' l-1990, huma definiti bhala "mittiekla fuq mejda fir-restaurants kollha li ghandhom licenzja mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabilimenti li jipprovdu l-ikel………". L-appellant nomine jippretendi li fil-kaz tieghu l-istabbiliment de quo ma kienx fornut mill-imsemmi permess ghall-perijodu in kwistjoni u ghalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda jedd jinvoka d-drittijiet tieghu a tenur tal-precitat Att, stante li f'dak il-kaz is-servizz jew bejgh ma kienx jaqa' taht id-definizzjoni ta' servizz jew bejgh skedat kif timponi l-ligi, f'liema kaz biss setghet tigi applikata dik il-ligi biex tigi ezatta t-taxxa pretiza mill-Accountant General.

L-appellant nomine jkompli hekk jelabora:- "Ligi ohra, cioe' il-Kap 197 dwar il-Lukandi u Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel hl fihA nfisha munita bir-rimedji necessarji ghal dawk l-istabbilimenti li ma jkollhomx il-klassifikazzjoni necessarja, izda l-Att ta' l-1990 ma jistax jigi nvokat f'kazijiet bhal dawk, ghaliex il-ligi ma taghtix jeddijiet lill-konvenut hlief fil-kazijiet skedati. Bhala fatt, f'Novembru, 1990, l-attur inghata klassifikazzjoni ta' "Snack Bar II", kif jirrizulta mill-anness Dok. D, liema klassifikazzjoni trendi lill-istabbiliment u kwindi l-attur nomine, mhux obbligat li jhallas it-taxxa a tenur ta' l-Att XXII ta' l-1990, stante illi s-

servizzi moghtija huma espressament esenti mill-hlas a tenur ta' l-Avviz Legali 99 ta' l-1990, liema klassifikazzjoni saret wara li ufficjali tal-Bord relattiv ghamlu l-ispezzjoni fil-fond". Dan naturalment kif kienet il-ligi allura. Ghaliex minn dak iz-zmien sa' llum saru emendi li jipprovdu li anke stabbilimenti ta' l-ikel f'din il-kategorija ta' "Snack Bar II" huma, bhal postijiet ohra li jipprovdu servizz ta' din ix-xorta, taxxabbli.

Din il-Qorti tikkonsidra illi l-aggravju kif propost mill-appellant proprio et nomine indubbjament jipprospetta mhux biss l-applikazzjoni hazina tal-ligi, inkwantu hu jippretendi li kemm l-Accountant General kif ukoll il-Bord ta' l-Appelli applikaw fil-konfront tieghu ligi li ma kienetx ghalih applikabbli, imma wkoll – u dana huwa aktar rilevanti – illi fil-process huma kienu qeghdin jirritjenu illi l-ligi fiskali kienet applikabbli ghalih meta ma kienetx hekk applikabbli. Dan bl-konsegwenza illi hu kienet qieghed jigi mitlub ihallas taxxa, ossia levy, li l-appellat jippretendi li kien obbligat illi jesigiha minghand il-kljenti tieghu li uzufruwew mis-servizzi tieghu biex imbaghad hu jghaddiha lill-erarju pubbliku.

L-aggravju ta' l-appellant hu bazat fuq premessa preciza fl-att tac-citazzjoni fis-sens li:- "L-istabbiliment tieghu (ta' l-attur) ma kienx fornut mill-imsemmi permess ghall-perjodu in kwistjoni, u ghalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda jedd jinvoka d-drittijiet tieghu a tenur ta' l-Att XXII ta' l-1990". Dana peress li "F'dan il-kaz, is-servizz jew bejgh ma kienx jaqa'

taht id-definizzjoni ta' servizz jew bejgh skedat, kif timponi l-ligi, f'liema kaz biss tista' tigi applikata dik il-ligi". Dan l-aggravju kjarament jipproponi li kemm il-konvenut appellat kif ukoll il-Bord ta' l-Appelli kienu marru oltre l-poteri taghhom meta imponew fuq l-attur appellant l-istima ex officcio li dwarha giet proposta din il-kawza.

Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant illi dan l-aspett ta' l-ilment ta' l-appellant ma gie bl-ebda mod konsidrat mill-ewwel Qorti li, ghall-kuntrarju, ipprocediet mill-premessa li l-Att XXII ta' l-1990, imsejjah taxxa fuq infieq, jew *Expenditure Levy Act,* kien applikabbli ghall-attivita' li l-appellant kien jikkonduci fl-iSnack Bar tieghu, kif ukoll kienet applikabbli l-iskeda ghal dak l-Att kif sostiwita bl-Avviz Legali 99 ta' l-1990 emendat bl-Avviz Legali 115 ta' l990.

Utli allura li jigu citati d-dispozizzjonijiet tal-ligi li bis-sahha taghhom, l-Accountant General ezercita l-poteri li jippretendi li kellu biex jesigi l-imposta taht l-Att XXII ta' l-1990. Is-subinciz 1 ta' l-artikolu 3 ta' l-Att kien allura, fiz-zmien rilevanti, jipprovdi li "ghandha tingabar mill-Accountant General f'isem il-Gvern, taxxa fuq l-infieq li tkun dik ir-rata li ma taqbisx l-10% tal-prezz imhallas, kif jista' jigi preskritt mill-Ministru fuq il-prezz imhallas jew li ghandu jithallas ghall-provista ta' l-oggetti <u>jew servizzi</u>, hawnhekk izjed il-quddiem f'dan l-Att imsemmija bhala oggetti <u>jew servizzi skedati</u> li jidhru fl-iskeda li tinsab f'dan l-Att". L-iskeda ghal

dak l-Att, bid-diversi ememdi li saru, kienet hekk tipprovdi, wkoll fiz-zmien rilevanti, fl-Artikolu 2 (2) "servizzi provduti f'restaurants (a) l-ikliet kollha sew jew xorb jittiehed maghhom sew jekk le, u fejn hekk jittiehed b'xorb, maghdud dak ix-xorb. (1) Mittiekla fuq mejda fir-restaurants kollha li ghandhom licenzja mill-Bord dwar il-lukandi u l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel, minbarra dawk ir-restaurants li huma klassifikati bhala tar-raba' klassi mill-istess Bord, (2) mittiekla fil-fond ta' kull imkien minn fejn hareg l-ikel fi stabbiliment (minbarra post minn fejn jinhareg l-ikel li jkollu biss licenzja ta' restaurants) li jkollu licenzja mill-Bord dwar il-lukandi u l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel u li jigi kkunsmat fil-fond, izda eskluzi ……….."

Din il-Qorti tinnota illi fiz-zmien rilevanti kienu taxxabbli s-servizzi moghtija f'restaurants (u b'eskluzzjoni ma kienux allura taxxabbli servizzi moghtija fi stabbilimenti li ma kienux jaqghu fil-klassifika ta' restaurants, fosthom allura Snack Bars). Inoltre, anke r-restaurants ma kienux kollha soggetti ghal din il-levy. Kienu biss hekk soggetti dawk ir-restaurants li kellhom licenzja mill-Bord kompetenti u li ma kienux klassifikati bhala tar-raba' klassi minn dan l-istess Bord. Ma jirrizultax mill-atti jekk Snack Bars kienux dak iz-zmien soggetti ghal-licenzja ta' klassifika tar-raba' klassi jew xort'ohra.

Jidher pero' illi kemm jekk l-istabbiliment taht ezami seta' jigi klassifikat bhala restaurant – allura tar-raba' klassi – u sew jekk le, kif ukoll jekk is-snack bar ma kienx allura jikkwalifika bhala restaurant, is-sottomissjoni ta' l-appellanti hi illi dak l-istabbiliment tieghu ma kienx debitament licenzjat biex jissupplikxxi l-oggetti jew servizzi skedati b'licenzja mahrug mill-Bord dwar il-lukandi u stabbilimenti li jipprovdu l-ikel. Dan ghaliex, skond hu, dak iz-zmien, ma kienx hemm il-htiega ta' tali premess minn dak il-Bord partikolari ghalkemm naturalment kien jehtieg permessi ohra skond regolamenti vigenti u dwar dan ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni.

Il-komplikazzjoni ta' dan il-kaz tohrog mill-fatt illi l-appellant, fl-istess blokk ta' bini, imma separatament mis-snack bar in kwistjoni, kellu restaurant li kien allura klassifikat bhala restaurant tat-tieni klassi b'licenzja regolari mill-Hotels and Catering Establishments Board. Mhux kontestat li dak ir-restarant kien soggett ghall-provvedimenti ta' l-Att XXII. Il-konvenut appellat jirritjeni li dik il-licenzja tar-restaurant kienet testendi awtomatikament ukoll ghall-isnack bar u li allura l-lokal kollu fejn l-appellant proprio et nomine kien jiggestixxi l-varji negozji tieghu kien milqut u kopert b'dan il-permess.

Hu veru li din il-kontestazzjoni tipprezenta wkoll apprezzament ta' fatt, inkwantu l-gudikant kellu jiddetermina jekk mill-provi jirrizultax illi l-

licenzja li certament kellu r-restaurant kienetx ukoll testendi ghall-iSnack Bar fl-istess bini. Kienet pero' wkoll timporta interpretazzjoni ta' dritt, u cioe' tal-provvedimenti tal-Kap 197 li jirregolaw il-hrug ta' licenzji ghall-istabbilimenti ta' l-ikel. Dan hu wkoll rikonoxxut mill-istess appellat fl-eccezzjonijiet tieghu fejn jinghad inter alia, "jekk wiehed jirreferi ghall-Kap 197, wiehed ghandu jsib illi l-Bord ta' l-Appelli m'ghamel xejn hlief interpreta korrettement l-artikolu 4 (2) (3) kif ukoll l-artikolu 9 (4) ta' l-istess Att dwar il-lukandi u l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel". Hu propju dan illi l-appellant qieghed jikkontesta. Hu f'dan li din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, ma tistax taqbel illi l-Bord ta' l-Appelli ta interpretazzjoni korretta tad-disposizzjonjiet tal-Kap 197, partikolarment fir-rigward tal-licenzji li kienu mehtiega taht dak l-Att, fejn ikun hemm aktar minn stabbiliment wiehed ta' grad differenti bl-istess operazzjoni ta' negozju, kif ukoll dwar jekk kienx hemm jew le fiz-zmien rilevanti htiega ta' licenzja tal-Bord imwaqqaf b'dak l-Att, ghat-tip ta' servizz moghti lix-xorta ta' Snack Bar mertu ta' din il-kawza.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant li l-ewwel Qorti jidher li injorat dan l-aspett krucjali tal-vertenza, kif ukoll jidher li injorah il-Bord ta' l-Appelli. Injoraw effettivament dik li kienet il-funzjoni propju tal-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu l-ikel li kien l-awtorita' vestit bil-ligi specjali (Il-Kapitolu 197) bil-kompetenza li jirrilaxxja licenzja li tawtorizza l-gestjoni, fost ohrajn ta' stabbilimenti li jipprovdu ikel.

Infatti s-subinciz 1 ta' l-artikolu 4 ta' dak il-Kap 197 jipprovdi li hadd ma jista' jzomm jew jidderigi stabbiliment ta' din ix-xorta, jekk ma jkunx qabel akkwista u ma jkollux licenzja mill-Bord li tispecifika b'riferenza ghall-isem u ghal-lokal fejn ikun imwaqqaf u jkun qed jahdem l-istess stabbiliment u li dwarhom tinghata il-licenzja. Kull materja relativa ghall-istess licenzja, inkluzi l-ghoti, it-trasferiment, is-sospensjoni u t-thassir taghha, kienet taqa' fil-kompetenza esklusiva ta' dan il-Bord li kellu l-kompitu, fost hwejjeg ohra, li jikklassifika stabbiliment li jipprovdi l-ikel u li jimponi l-kondizzjonijiet li tahthom kellu jopera.

Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni inevitabbli illi kien biss dan il-Bord li seta' b'awtorita' jiddikjara jekk fond fejn kien qed jigi ezercitat negozju ta' xi xorta, kienx jew le kopert b'licenzja minnu emessa. L-ebda awtorita' ohra ma kellha l-kompetenza li tinterpreta l-operat ta' dak il-Bord u id-dikjarazzjoni tieghu, in materja ta' l-ezistenza ta' licenzji minnu emessi, kellha titqies li hi finali, sakemm ma tigix gudizzjarjament kontestata, pero' dan biss fil-kontradittorju ta' l-istess Bord, fl-ezercizzju ta' stharrig ta' azzjoni amministrattiva. Dan iffisser li la l-Account General u lanqas il-Bord ta' l-Appelli ma kellhom il-kompetenza illi jissindikaw u jiddeciedu jekk stabbiliment li jipprovdi l-ikel kellux jew le licenzja mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu ikel. Wisq anqas setghu jiddeterminaw x'tip ta' klassifika kien igawdi l-istess

stabbiliment. F'din il-materja dawn iz-zewg awtoritajiet u cioe' l-Accountant General u l-Bord ta' l-Appelli, imwaqqaf that l-Att Nru. XXII ta' l-1990 kellhom necessarjament ikunu iggwidati mid-dikjarazzjonijiet mahruga mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu ikel kostitwit that il-provvedimenti tal-Kap 197. Konsegwentement is-subinciz (2) (a) ta' l-inciz 2 ta' l-Avviz Legali 99 ta' l-1990, kif emendat bl-Avviz Legali 115 ta' l-istess sena, kellu jigi interpretat u applikat skond dawn il-principji ta' dritt applikabbli. Dan ifisser illi meta dawk ir-regolamenti jipprovdu li huma soggetti ghal-levy servizzi moghtija f'restaurants "li <u>ghandhom licenzja</u> mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu l-ikel", il-fatt ta' l-ezistenza ta' tali licenzja, kellu jirrizulta minn referenza diretta ghall-operat ta' dak il-Bord u ghar-registri tieghu u ma kellux ikun soggett ghall-interpretazzjoni la ta' l-Accountant General u lanqas tal-Bord ta' l-Appelli that l-Att XXII ta' l-1990. L-istess principju japplika fir-rigward ta' l-artikolu 24 ta' l-Avviz Legali 101 ta' l-1990 li jitkellem dwar persuni li "ikunu detenturi ta' licenzja biex jissupplixxu l-oggetti jew servizzi skedati mahruga mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu ikel".

Fil-kaz that ezami jidher li kemm l-Accountant General kif ukoll il-Bord ta' l-Appelli, li d-decizjoni tieghu giet avallata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghamlu ezercizzju ta' interpretazzjoni tal-licenzja l kellu l-appellant fuq ir-restaurant tat-tieni klassi li kien jiggestixxi fl-

istess korp ta' bini, biex estendewha (forsi mhux bla raguni) li tkopri wkoll l-iSnack Bar. Kif inghad ezercizzju ta' interpretazzjoni li ma kienx jikompati lilhom. Infatti, gie ipprovat bla dubbju mis-socjeta' appellanti illi fil-fehma tal-Bord tal-Lukandi u Stabbilimenti li jservu l-ikel kif espressa fix-xhieda tac-Chairman ta' l-istess Bord ta' dak iz-zmien, Joseph J. Lanzon "il-parti t'isfel, (cioe' l-iSnack Bar) bejn Jannar u l-11 ta' Novembru, 1990, <u>ma kienetx</u> koperta b'licenzja". Din ix-xhieda giet amplifikata u ccarata b'affidavit ta' l-istess Chairman tal-Bord tal-Lukandi u Stabbilimenti li jservu l-ikel – li incidentalment ilu jokkupa dik il-kariga prestiggjuza sa mill-1983 almenu ta' l-1996, meta ghamel l-affidavit – b'dan il-mod: "Fil-21 ta' Awissu, 1990, Anthony Cassar ghamel applikazzjoni biex il-parti t'isfel ta' Moby Dick tinghata licenzja ghal Snack Bar……….. Dan sar ghax l-expenditure levy kienet tiddistingwi bejn restarant u snack bar. Ma kienx hemm bzonn li ssir applikazzjoni ghar-restaurant ta' fuq ghax dik, billi gia tezisti, hija renewable kull sena. Il-licenzja tar-restaurant ta' fuq harget fil-31 ta' Jannar, 1990…………..u billi kien hemm applikazzjoni separata ghal isfel, bhala snack bar, (din il-licenzja) ma kienetx tkopri l-parti t'isfel bhal ma kienet taghmel qabel is-sena 1990, (qabel saret l-applikazzjoni ghal snack bar). Billi l-applikazzjoni l-gdida ta' snack bar kienet ghadha qed tigi processata, il-licenzja harget fit-12 ta' Novembru, 1990……………<u>Dan ifisser li l-parti t-isfel bejn Jannar u l-11 ta' Novembru, 1990 ma kienetx koperta b'licenzja</u>.

Din il-Qorti ma tarax kif wiehed jista' jinterpreta dikjarazzjonijiet kategorici ta' din ix-xorta hlief bil-mod li l-iSnack Bar that ezami, fiz-zmien rilevanti, ma kellux licenzja biex jopera, u allura ma kienx jissodisfa r-rekwiziti ta' l-artikolu 2 (2) (a) ta' l-Avviz Legali 99 ta' l990 kif emendat. Seta' infatti jitqies li kien qieghed jigi operat b'mod abuziv, imma dan bl-ebda mod ma jirrendih li ghandu licenzja jew li min imexxih kien detentur ta' licenzja. Ghall-kuntrarju min imexxih f'dak iz-zmien seta' kien allura passibbli ghall-proceduri kontemplati fil-Kap 197 u diversi provvedimenti, fosthom is-subinciz 4 ta' l-Artikolu 4 li jistipula li kull min izomm jew jidderiegi stabbiliment li jipprovdi ikel minghajr licenzja ikun hati ta' rejat.

Dan kollu jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni li n-nuqqas da parti tal-Bord ta' l-Appelli li japprezza dan l-aspett tal-vertenza u li allura jillimita d-definizzjoni dwar jekk l-istabbiliment li jipprovdi l-ikel in kwistjoni kellux jew le licenzja ghal dak li jkun certifikat mill-Bord kompetenti skond il-Kapitolu 197 kien naturalment jikkostitwixxi interpretazzjoni zbaljata tal-ligi li bilfors wasslitu ghall-applikazzjoni skorretta taghha. Dan wahdu kien jeradika l-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji biex jissindikaw l-operat tieghu bhala Tribunal Amministrattiv. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-appell hu sostnut u kellu jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tigi revokata u t-talbiet ta’ l-attur proprio et nomine kif dedotti, qed jigu milqugha. In vista tan-novita' tal-mertu, kif wkoll tal-komplessita’ tal-punt ta’ dritt involut, hu xieraq li l-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm